MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1810/2002

**Macpherson Mediterranean Limited**

**Vs**

**Shelving Systems Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u disgha u disghajn lira Maltija (Lm299), prezz imhallas ghall-akkwist ta' merkanzija [xkaffar] li gie ordnat mis-socjeta attrici u baqa' ma giex ikkonsenjat.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr.Simon Galea Testaferrata in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-

gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ mitejn u disgha u disghajn lira Maltija (Lm299), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------